**QORTI CIVILI – PRIM AWLA**

**ONOR IMHALLEF MIRIAM HAYMAN**

**Rikors Nru: 1086/2016MH**

**Illum 13 ta' Jannar, 2017**

**Supreme Travel Limited (C16048)**

**vs**

**Sun 'n' Fun Watersports Limited**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-29 ta' Novembru, 2016, fejn gie premess:

**"Illi fuq talba tal-kumpanija intimata l-kumpanija rikorrenti ipprovdiet diversi servizzi u dana ghal beneficcju tal-kumpanija intimata, u dana kif jirrizulta minn *statemen*t hawn anness u markat Dok. ST1 u minn kopja tal-*invoices* relattivi hawn annessi u komplessivament immarkati Dok. ST2;**

**Illi l-ammont dovut lill-kumpannija rikorenti ghas-servizzi rezi huwa ta' €25,593 (hamsa u ghoxrin elf hames mija u tlieta u disghin Ewro);**

**Illi ghalhekk il-kumpannija intimata llum tinsab debitrici lejn il-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' €25,593 (hamsa u ghoxrin elf hames mija u tlieta u disghin Ewro);**

**Illi l-kumpannija intimata, nonostante li giet interpellata sabiex thallas dan id-debitu, baqghet inadempjenti;**

**Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpannija rikorrenti l-kumpannija intimata ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq ghall-hlas ta' dan id-debitu;**

**Ghaldaqstant tghid il-kumpannija intimata ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:**

**1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti dispenza tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2. tikkundanna lill-kumpannija intimata thallas lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta' €25,593 (hamsa u ghoxrin elf hames mija u tlieta u disghin Ewro) rapprezentanti l-prezz ghas-servizzi rezi fuq ordni u / jew ghall-beneficcju tal-kumpannija intimata, bl-imghaxijiet skond l-ghola rata permessa mill-Ligi sad-data tal-pagament effettiv;**

**6. Illi in oltre, l-konvenuti ghandhom mal-kumpannija esponenti Credit Card bin-numru 4196.7960.0009.2147 (ara Dok. 'D'). Fuq din il-Credit Card, hemm dovuti mill-konvenuti, mija u sebgha u ghoxrin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€127.53) u jinkludu mghaxijiet ta' erbghin centezmu (€0.40), kalkulati sal-10 ta' Novembru 2015 (ara Dok. 'E');**

**Bl-ispejjez kontra l-kumpannija intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni".**

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati fis-6 ta' Jannar, 2017 ma attendewx ghas-seduta tat-13 ta' Jannar, 2017;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati;

Tilqa' it-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €25,593 (hamsa u ghoxrin elf hames mija u tlieta u disghin Ewro), rapprezentanti l-ammont dovut

mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti flimkien ma' l-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'sehh sal-jum tal-hlas effettiv;

Tikkundanna lis-socjeta intimata thallas l-ispejjez tal-kawza.

Moqrija,

**Miriam Hayman**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Deputat Registratur**